31994R1179

26.5.1994 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 131/3

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1179/94
tal-25 ta' Mejju 1994
rigward l-ewwel lista ta' sustanzi ta' prijorità bħal ma hu previst permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-konroll tar-riskji f'sustanzi eżistenti [1], u partikolarment l-Artikoli 8 u 10 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 793/93 jaħseb għal sistema ta' evalwazzjoni u kontroll tar-riskji dwar sustanzi eżistenti u billi sabiex jidħlu għal evalwazzjoni dwar ir-riskju ta' dawn is-sustanzi, huwa xieraq li jkunu identifikati s-sustanzi ta' prijorità li jinħtieġu attenzjoni;

Billi b'konsegwenza, l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jinħtieġ li l-Kummissjoni tħejji lista ta' sustanzi ta' prijorità u billi l-Artikolu 8 ikompli jindika l-fatturi li għandhom jittieħdu f'akkont fit-tħejjija ta' l-imsemmija lista;

Billi l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jipprevedi li għal kull sustanza fil-listi ta' prijorità Stat Membru għandu jingħata r-responsabbiltà għall-evalwazzjoni tiegħu u billi l-allokazzjoni ta' sustanzi għandha tassigura sehem xieraq tar-responsabbiltà bejn Stati Membri;

Billi d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bis-saħħa ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Lista ta' Prijorità

1. Il-lista ta' sustanzi ta' prijorità hija b'hekk stabbilita u elenkata fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Għal kull waħda mis-sustanzi tal-lista ta' prijorità l-Istat Membru li għandu jkun responsabbli għall-evalwazzjoni tagħha huma b'hekk innominati u huma indikati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fil-25 ta' Mejju 1994.

Għall-Kummissjoni

Yannis PALEOKRASSAS

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1.

ANNESS

EINECS NRU	CAS NRU	Isem tas-sustanza	Stat Membru
200–449–4	60–00–4	edetic acid	D
200–539–3	62–53–3	aniline	
200–573–9	64–02–8	tetrasodium ethylenediaminetetraacetate	D
200–753–7	71–43–2	benzene	D
200–835–2	75–05–8	acetonitrile	E
201–167–4	79–01–6	trichloroethylene	UK
201–173–7	79–06–1	acrylamide	UK
201–177–9	79–10–7	acrylic acid	D
201–185–2	79–20–9	methyl acetate	D
201–204–4	79–41–4	methacrylic acid	D
201–297–1	80–62–6	methyl methacrylate	D
201–557–4	84–74–2	dibutyl phtalate	NL
202–049–5	91–20–3	naphthalene	UK
202–448–4	95–76–1	3,4-dichloroaniline	D
202–453–1	95–80–7	4-methyl-m-phenylenediamine	D
202–704–5	98–82–8	cumene	E
202–849–4	100–41–4	ethylbenzene	D
202–851–5	100–42–5	styrene	UK
202–974–4	101–77–9	4,4′; -methylenedianiline	D
203–080–7	103–11–7	2-ethylhexyl acrylate	D
203–400–5	106–46–7	1,4-dichlorobenzene	F
203–450–8	106–99–0	buta-1,3-diene	UK
203–453–4	107–02–8	acrylaldehyde	NL
203–466–5	107–13–1	acrylonitrile	IRL
203–508–2	107–64–2	dimethyldioctadecylammonium chloride	D
203–545–4	108–05–4	vinyl acetate	D
203–632–7	108–95–2	phenol	D
203–772–9	110–49–6	2-methoxyehtyl acetate	NL
203–788–6	110–65–6	but-2-yne-1,4-diol	D
203–806–2	110–82–7	cyclohexane	F
203–906–6	111–77–3	2-(2-methoxyethoxy)ethanol	NL
203–961–6	112–34–5	2-(2-butoxietoxi)etanol	NL
204–214–7	117–84–0	dioctyl phthalate	NL
204–825–9	127–18–4	tetrachloroethylene	UK
205–516–1	141–97–9	ethyl acetoacetate	D
214–604–9	1163–19–5	bis(pentabromophenyl)ether	F/UK
216–381–3	1570–64–5	4-chloro-o-cresol	DK
231–634–8	7664–39–3	hydrogen fluoride	NL
251–087–9	32536–52–0	diphenyl ether, octabromo derivative	F/UK
266–027–7	65996–92–1	Distillates (coal tar)	NL
267–051–0	67774–74–7	Benzene, $C_{10–13}$ -alkyl derivs.	I
287–476–5	85535–84–8	Alkanes, $C_{10–13}$, chloro	UK